# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 56

Il-Ġimgħa 28 ta' Lulju, 2017

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**28 ta' Lulju, 2017**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**56.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji. Frankie Formosa wasal tard minħabba ċirkustanzi personali u Sandra Mifsud telqet qabel ma spiċċat il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-55.

**55.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa numru 55 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**56.3.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hu kellu laqgħa mal-Ministru, l-Hon. Dr. Justyne Caruana. Hu qal li kienet laqgħa kordjali ħafna. Ġiet diskussa l-possibilta li ssir playing field iżda l-Ministru ssuġġeriet li minflokk playing field issir sports facilities bis-sehem tal-Public Private Partnership. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jsejjaħ proposta. Għandu jiġi nformat il-perit tal-Kunsill dwar dan. Ġie diskuss ukoll xogħol ta' resurfacing. Il-Ministru qalet li l-Kunsill għandu jkompli bl-applikazzjonijiet tiegħu għar-resurfacing.

Il-Ministru nformat lis-Sindku li x-xogħol fuq il-fanal ta' Gordan ser ikompli. Il-Kunsill għandu jibgħat kopja tar-rapport ikkommissjonat minnu dwar il-fanal lill-Ministru.

**56.3.02** Il-Kunsill irċieva konferma mis-Sinjura Josianne Cassar sabiex tiġi maħtura bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**56.3.03** Il-Kunsill irċieva kopja tal-ittra mibgħuta mill-Kunsill lill-Kummissarju tal-Pulizija, Kwartieri Generali tal-Pulizija u l-Ministeru għal Għawdex dwar il-bini tal-għassa tal-Pulizija tal-Għasri. S'issa l-Kunsill ma rċievex risposta.

**56.3.04** Skema ta' Inizzjattivi Kulturali. Il-Kunsill applika għall-Iskema Kulturali ghas-snin 2018-2020.

**56.3.05** Il-Kunsill irċieva email mingħand il-Fondazzjoni Oasi dwar diskussjoni dwar il-proposta mill-membri tal-parlamenti "Legalislation of Cannabis for Recreational Use".

**56.3.06** Il-Kunsill irċieva email mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Mario Fava sabiex jinforma lill-Kunsillieri u impjegati tal-Kunsilli dwar inizjattiva volontarja biex il-Kunsillieri u impjegati tal-Kunsill jagħtu €2.33 kull

xahar mill allowance jew pagi tagħhom lil Malta Community Chest Fund. Dawk il-Kunsillieri/impjegati li jixtiequ jagħmlu dan għandhom jinformaw lis-Segretarju Eżekuttiv bil-miktub sabiex din tibda sseħħ mill-ewwel ta' Awwissu.

**56.3.07** Numru ta' emails mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar prijoritajiet fil-qasam tal-Gvern Lokali għas-sentejn li ġejjin. Fosthom: swieq fil-beraħ, ġbir ta' skart, sidien ta' appartamenti "short let", Aġenzija LESA, toroq, allokazzjoni, riforma fir-reġjuni, tables & chairs, Dipartiment Gvern Lokali, Dipartimenti u Entijiet Governattivi, riforma u emendi f'KAP 363, ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali u l-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, u kariga ta' Sindku.

**56.3.08** Ġie ppreżentat mill-Kumitat Regjonali Għawdex il-Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunita' tar-Regjun Għawdex. Il-Kunsilli ġew mitluba sabiex jressqu l-proposti tagħhom ta' proġetti ta' fejda li jistgħu jitwetqu ġewwa Għawdex b'rabta ma' dan il-Pjan fil-laqgħa tar-Regjun Għawdex li ser tinżamm nhar l-Erbgħa 2 ta' Awwissu.

**56.3.09** Email mingħand il-Kumitat Reġjonali Għawdex dwar laqgħa General Annwali tal-LESA nhar is-Sibt 5 ta' Awwissu. Għal din il-laqgħa ser jattendi s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali L-Onor Silvio Parnis. Minħabba mpenji oħra s-Sindku u Viċi Sindku ma jistawx jattendu għal din il-laqgħa u għalhekk ser tattendi s-Segretarja Rita Mifsud Attard.

**56.3.10** Cirkularli AKL 43/2017 Jitħabbru l-Attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilta'.

**56.3.11** Ċirkulari AKL 44/2017 Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta Soċjali fuq l-Allowance lill-Kunsilliera. Reġgħet ntbgħatet Memo 108/2017 dwar taxxa u allowance tal-Kunsilliera. Il-Kunsill Lokali tal-Għasri ngħata l-ammont ta' €4,000 għal dan il-għan.

**56.3.12** DG Circular No. 02/2017 – Standard Operating Procedure for Requests for ICT Services.

**56.3.13** Inizjattiva Finanzjara – Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali – Tarmac Scheme. Ir-Regjun Għawdex ingħata s-somma ta' €100,000 speċifikament għall-proġetti relatati ma' għoti ta' tarmak mill-ġdid fit-triq jew toroq ġewwa Għawdex. Il-Kunsill Lokali tal-Għasri ngħata s-somma ta' €4,000 minn dan l-ammont biex jintuża għat-tarmac. Il-Kunsilliera qablu li għandha tingħata il-parti tal-bidu tat-triq San Pupulju. Għandu jiġi nformat il-perit tal-Kunsill sabiex juri l-interess tagħna kif hemm stipulat fl-email.

**56.3.14** Email mingħand il-fundatur tal Malta Clean Up dwar attivita' li qed tiġi organizzata nhar is Sibt 16 ta' Settembru "Let's Do It Malta 2017". Huma talbu sabiex dawk il-Kunsilli li jridu jieħdu sehem f'din l-attivita' jindikaw tlett postijiet ta' fejn hemm bżonn tindiff u li kull kunsill jipprovdi skip, boroz griżi u boroż suwed (150 minn kull wieħed), ingwanti tal-plastic u persuna biex iqassam dawn l-affarijiet u jilqa lill-parteċipanti. Il-Kunsillieri indikaw is-sit ta' Wied l-Għasri bħala post fejn għandu jiġi mnaddaf.

**56.3.15** Ittra ta' introduzzjoni mingħand l-Onor. Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari

għall-Gvern Lokali u Kommunitajiet. Il-Kunsill ġie nformat li fil-ġimgħat li ġejjin l-Onor ser ikun jagħmel kuntatt biex niltaqgħu personalment miegħu.

**56.3.16** Cirkulari Numru 17/2017 – Interess minn Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fi proġett tal-Unjoni Ewropea *WiFi4EU*. Il-Kunsill wera l-interess tiegħu f'dan il-proġett u indika s-sit għall-installazzjoni bla ħlas tal-WIFI fejn il-Bażilika tal-Patroċinju.

**56.3.17** Cirkulari Numru 18/2017 – Policy Guideline dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbur mill-Kunsilli Lokali.

**56.3.18** Draft tat-Tender for the provision and maintenance of street lighting in Several localities of Gozo. Ir-Reġjun Għawdex ser joħroġ tender għas-servizz tas-street lighting. Il-Kunsill Lokali tal-Għasri qabel li l-Kunsill ikun parti minn dawn il-kunsilli li ser jifformaw parti minn din l-offerta.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**56.4.01** Il-Kunsilliera staqsew x'sar mill-applikazzjoni tar-resurfacing tat-toroq. Il-Kunsill ġie nformat mid-Direttur Generali li proċess tal-għażla tal-Mizura 4.3 ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin iżda priorita' ser tingħata lil miżuri oħrajn li kienu issejħu qabel.

**56.4.02** Il-Kunsill approva il-kwotazzjoni mingħand Anthony Mintoff (skond il-kuntratt tiegħu mal-Kunsill) għat-taħmil, taqtiegħ u ġarr ta' blat minn Triq Tamar biex titwessa t-triq, inkluz id-dumping bil-prezz ta' €2,450 (inkluż il-VAT) u għal bini ta' ħajt bil-kantun u bini tas-sejjieħ fi Triq Tamar fejn titwessa t-triq bil prezz ta' €3880. inkluż il-VAT. Il-Viċi Sindku, Emanuel Mintoff ma hax sehem fid-diskussjoni biex ikun konformi mal-liġi.

**56.4.03** Il-Kunsilliera approvaw kwotazzjoni mingħand ELC Ltd għas-supply u tħawwil ta' xtieli madwar is-siġra tal-pjazza għall-prezz ta' €1,150.50 fis sena.

**56.4.04** Il-Kunsilliera staqsew dwar il-bankijiet li kienu madwar is-siġra tal-pjazza. Dawn inqalgħu biex jitneħħa l-madun. Gie deċiż li l-bankijiet ma jerġgħux jitwaħlu madwar is-siġra.

## 56.5 Attivita' Kulturali f'Settembru: Traditions: Wine, Olive Oil & Honey.

**56.5.01** Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li ġew kkonfermati l-entertainment u min ħa jagħmel l-istands bl-inbid, għasel u żejt taż-żebbuġa. Il-Kunsill ser joħroġ ukoll avviż biex minn jagħsar l-inbid u jrid jieħu sehem jinkiteb. Il-Kunsilliera għażlu wkoll entertainment għat-tfal waqt din l-attivita.

## 56.6 Offerti.

**56.6.01** Il-Kunsilliera appovaw ir-rapport ta' evalwazzjoni tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika. Kien hemm offerta waħda biss dik ta' Maria Attard. Għalhekk l-offerta ġiet mogħtija lil Maria Attard skond l-offerta mitfugħa.

**56.6.02** Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera dwar offerti magħluqa. Dawn

huma: 1) Supply of Ready Mixed Concrete, Steel Fabric, Reinforcement and Aggregate, 2) Hire of Plant and Machinery, 3) Supply of Cold Asphalt and for the maintenenace and patching with hot rolled asphalt of various streets and 4) period contract for the resurfacing of roads or part thereof.

## 56.7 Tneħħija ta' Assi Elettroniċi Skaduti.

**56.7.01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' assi elettroniċi skaduti li qed jinżammu f'kamra fil-berġa. Dawn ilhom hemm snin twal u ma jaħdmux. L-assi huma dawn:

1) Printer – HP PSC 1410 SDGOB
2) Fax – Lexmark X4250 4413-K01
3) Monitor – DAEWOO DMW54YAJ00146
4) Printer – HP Office Jet 4500 – CN18AG32F5
5) Keyboard – Genius H2001407218
6) Monitor – DAEWOO Model 719 B DMW58A500015
7) Heater – OMAS 2061500100
8) Heater Komfort - Radiator
9) Keyboard – Compaq 9009 B5J690FS9022NX
10) Computer – Compunet Mitts Inv. VT 26657
11) Color Printer – Epson Stylus 560 – Compunet
12) Workcentre Copier PRO 320 Xerox
13) Telephone – Telemalta

Il-Kunsillieri approvaw li dawn affarijiet jintremew kif suppost.

## 56.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti.

**56.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-056 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 56.9 Mozzjonijiet.

**55.9.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 56.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.

**56.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Awwissu fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum Il-Gimgħa 28 ta' Lulju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |